MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2006

Appell Civili - Ghawdex Numru. 60/2000/2

Saviour sive Sammy Mercieca u Angela Mercieca.

Vs.

Carmel sive Charlie Galea .

Il-Qorti,

Rat li din hija talba ghar-ritrattazzjoni tal-kawza kif deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fis-seduta tas-7 ta' Lulju, 2005 , bis-sentenza li qed tigi hawn taht riprodotta testwalment hekk :-

"Fid-19 t' April, 2002, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz bit-talba li jghid hekk:

"Illi l-konvenut kien xtara truck Izuzu 2300cc, bil-prezz ta' erbat elef u seba mitt lira Maltija (LM4700). Il-konvenut kien irrilaxxja cheque ghal dan l-ammont fuq "Mira Holdings Limited" , peress illi l-esponenti kienu ser jixtru vettura gdida minghand dik is-socjeta'. Il-konvenut kien talab 'senserija' ta' Lm100 fuq l-akkwist propost mill-esponenti. Izda meta is-socjeta' Mira Holdings Limited marret sabiex issarraf dan ic-cheque, dan ma giex onorat mill-HSBC; u ghalhekk l-esponenti kienu kostretti ihallsu l-ammont ta' Lm4700 direttament huma lill-Mira Holdings Limited. Sussegwentement, il-konvenut kien qabad u minghajr ebda raguni valida iddeposita l-ammont ta' Lm4,500 fir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, u biex tkompli tghaqqad naqqas Lm50 ohra mill-ammont depositat bhala spejjez tac-cedola. Din ic-cedola saret minghajr ma l-ammont gie qabel xejn offrut lill-esponenti u ghalhekk id-depositu kien null. Sabiex jillimitaw l-ispejjez gudizzjarji, u minghar pregudizzju, l-esponenti irtiraw l-ammont ta' Lm4450 mill-Qorti, u qeghdin jitolbu il-hlas tad-differenza minghand il-konvenut."

Ra r-risposta li tghid li:

(i) L-inkompetenza ta' dan it-Tribunal rationae valoris biex jisma' u jiddecidi din il-kawza;

(ii) illi fil-mertu l-ammont allegat mhux dovut u dana peress illi l-ammont zbankat bic-cedola ta' depositu msemmija fl-avviz ghat-talba, thallas ghas-saldu u ghaldaqstant l-attur ma jistax issa jitlob ammont iehor ulterjuri.

(iii) illi fil-mertu wkoll l-ammont allegat mhux dovut u dana peress illi l-partijiet ftehmu b'mod differenti min dak allegat fl-avviz.

(iv) Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Ra l-verbal li permezz tieghu il-konvenut elabora fuq l-ewwel eccezzjoni tieghu fis-sens li dan it-Tribunal mhux kompetenti biex jiddeciedi jekk l-isbank ta' cedola ta' depositu jgibx mieghu is-sodisfazzjon tal-kreditu kollu pretiz mill-attur; stante illi dan il-punt legali fih innifsu hu ta' valur indeterminat li jesorbita mill-kompetenza ta' dan it-Tribunal u ghalhekk dan it-Tribunal ghandu jissoprassjedi sakemm jigi deciz mill-Qorti kompetenti dan il-punt legali (ara fol 25 u 26 tal-process) imbaghad l-istess konvenut talab li l-ewwel eccezzjoni tieghu m'ghandhiex tkun eccezzjoni rationae valoris imma li din ghandha taqra eccezzjoni ratione materiae;

Sema' l-provi, fela d-dokumenti esibiti u ha konjizzjoni tan-noti ta' osservazzjonijiet u d-dibattitu orali tal-partijiet kontendenti;

Ikkunsidra

Illi l-kompetenza ta' dan it-tribunal hija mahluqa permezz ta' Artiklu 3 ta' Kap 380 li jghid hekk:

3. (1) Ghandu jkun hemm Tribunal li jkun maghruf bhala t- Tribunal ghal Talbiet Zghar.

(2) Bla hsara ghas-subartikolu (5), it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikollu gurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed minn elf u hames mitt lira.

Illi l-eccezzjoni tal-konvenut fuq imsemmija jidher li hija bbazata fuq artiklu 7(2) tal-istess att li jghid hekk:

It-Tribunal ghandu jissospendi l-procedimenti tieghu jekk -

a) il-parti tattakka t-talba bil-mezz ta’ eccezzjoni, li tinvolvi kwistjoni li taqa’ barra mill-gurisdizzjoni tat-Tribunal;

Din id-disposizzjoni tal-ligi ssehh zgur meta l-eccezzjoni tattakka l-obbligazzjoni nnifisha mertu tal-kawza, f’liema kaz il-valur jigi determinat mis-somma kollha tal-obbligazzjoni – ara artikli 753 u 754 ta’ Kap 12. Tipikament dan isehh fil-kaz ta’ eccezzjonijiet rationae valoris. Per ezempju, jekk A jitlob minghand B, il-hlas ta’ LM500 bilanc mhux imhallas ta’ prezz ta’ oggett mibjugh bil-prezz globali ta’ LM2,000, u B jecepixxi n-nullita’ tal-bejgh minhabba qerq, allura t-Tribunal irid jissoprassjedi sakemm issir kawza biex tattakka l-validita’ ta’ dak il-bejgh, essendo l-prezz tal-bejgh oghla minn LM1,500 li hija l-limitu tal-kompetenza ta’ dan it-Tribunal.

Illi min-naha l-ohra, il-konvenut mhux qieghed jaghmel eccezzjoni rationae valoris, imma qieghed jghid li qed jaghmel l-eccezzjoni rationae materiae. It-Tribunal ma jistax jghid li fil-fatt qieghdha tinghata eccezzjoni ta’ din l-ahhar xorta: mhux qieghed jigi eccepit li t-talba f’din il-kawza ma tirrigwardax talba ta’ flus. U diment illi t-talba tkun tirrigwarda talba ghal hlas ta’ flus, allura t-Tribunal huwa perfettament kompetenti sabiex jiddeciedi l-kwistjonijiet kollha legali li jistghu jinholqu in konnessjoni mat-talba. B’mod partikolari, huwa perfettament kompetenti jiddeciedi jekk il-hlas li sar permezz tac-cedola ta’ depozitu jammontax ghal pagament ghas-saldu jew le. Kien ikun possibilment differenti l-kaz kieku giet attakkata l-validita’ tac-cedola tad-depozitu ut sic.

Illi skond artiklu 1173 tal-Kodici Civili, jekk il-kreditur ma jkunx irid jiehu l-hlas, id-debitur jista’, bi spejjez tal-kreditur, jiddepozita s-somma bil-mod li jinghad fil-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili; u dan id-depozitu maghmul skond il-ligi jiswa daqs il-hlas. Imbaghad artiklu 1174 jistipula li d-depozitu m’ghandux l-effetti msemmijin f’art 1173 jekk il-kreditur ma jkunx qabel irrifjuta offerta valida. B’applikazzjoni ta’ dan l-artiklu, il-Qorti, f’ Camilleri et vs Caruana Soler et. (Vol 49D Part 2 pag. 878 – 27/4/1965) irriteniet illi biex depositu gudizzjarju jkun

validu irid jigi precedut minn offerta tas-somma kollha dovuta, minn rifjut ta' l-istess offerta u minn depositu a favur tal-kredituri kollha u mhux uhud minnhom biss.

Illi ma hemmx dubbju li ma saret ebda offerta f'dan is-sens: u dan mhux biss kkonfermah l-attur, li qal li l-konvenut qatt m'offrielu hlas (fol 55 tal-process), imma sahansitra l-konvenut innifsu li qal li lil Sammy qatt m'offrejt LM4,500. Offrejthom lil Brian ghan-nom ta' Mira (fol 20 tal-process). Ovvjament kwalunkwe offerta li setghet saret lil Mira Motors m'ghandhiex rilevanza ghax din is-socjeta' ma gietx ikkjamata fil-kawza. Ghalhekk, billi ex admissis ma saret l-ebda offerta valida mill-konvenut lill-attur, wisq inqas seta' d-depozitu jkollu l-effett ta' pagament, u inqas u inqas jista' jinghad li kien hemm pagament ghas-saldu.

Illi fil-kaz Apap vs Galea – Appell Kummercjali – LXX.ii.390 (26/11/1986), il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat sentenza ta' l-ewwel Qorti li rriteniet illi accettazzjoni ta' cheque b'kondizzjoni espressa fih illi kien jikkostitwixxi pagament ghas-saldu kien jippreskludi kwalunkwe pretensjoni ohra ghall-hlas. F'dan il-kaz, il-pagatur kien ghamilha cara illi 'the attached cheque for Lm150 is in full and final settlement of all monies due to you from us'. Fil-kaz prezenti ma kien hemm ebda dikjarazzjoni f'dan is-sens fic-cedola tad-depositu, u ghalhekk, a contrario senso ma jista' jigi qatt eccepit illi dak kien hlas ghas-saldu. Mill-provi jirrizulta bl-iktar mod car li l-flus iddepozitati mill-konvenut gew zbankati mill-konvenut sabiex jimminimizza l-ispejjez u ma jkunx kostrett jaghmel kawza fuq l-ammont intier. Zgur li hadd m'ghandu jigi ppenalizzat u ppregudikat talli jaghmel l-almu tieghu biex jigu mminimizzati l-ispejjez gudizzjarji u ma jghabbix il-Qrati ordinarji b'litigji fuq ammonti zghar li jistghu u ghandhom jinqatghu sommarjament u bi spejjez mill-inqas. Wara kollox, dan ikun ta' beneficcju anke ghall-konvenut jekk dan ikun il-parti t-telliefa.

Illi l-anqas ma hemm dubbju illi l-konvenut qatt ma ppretenda li l-attur kellu jhallsu s-senserija, tant li hallsu s-somma shiha ta' LM4,700 permezz tac-cekk, bl-iskop li

bil-mohbi tal-klijent tieghu, mbaghad dan ic-cekk ma jonorahx u jhallas LM4,500 cash lil Mira Motors.

Illi dan apparti l-fatt li l-konvenut m’ghandu l-ebda jedd ghal senserija, ghax in-negozju ta’ part –exchange ma sehhx, la direttament (ghax Mira Motors ma ridux ikollhom x’jaqsmu mal-konvenut) u l-anqas indirettament (ghax l-agent Malti ta’ Mira Motors, Regina Auto Dealer, li permezz tieghu il-konvenutipprova jimmanuvra sabiex jakkwista t-trakk il-gdid, accetta ma’ Mira Motors li ma kellux x’jaqsam man-negozju li l-attur kien qieghed jaghmel mal-istess Mira Motors.

Illi ma hemmx dubbju illi l-ftehim originali ta’ part exchange gie mhassar ghax ma setax ikollu effett, tant illi l-konvenut, li sadanittant lahaq biegh it-trakk tal-attur, kien lest illi jhallas is-somma ta’ LM4,700 lill-attur direttament, u cash.  Kienet haga incidentali, u ghall-konvenjenza tal-attur, li l-konvenut hareg  cekk favur Mira Motors, u cioe’ sabiex dan ma joqghodx jigri bil-flus kontanti minn Ghawdex ghal Malta.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta’ jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jilqa’ t-talba tal-attur, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-attur is-somma ta’ LM250 dovuta ghar-ragunijiet dedotti fl-avviz tat-talba bl-imghax legali b’effett mis-26 ta’ Lulju 2000 sad-data tal-hlas effettiv bl-ispejjez kontra l-konvenut.”

Bis-sentenza taghha tat-12 ta’ Dicembru 2002 din il-Qorti kienet laqghet l-ewwel aggravju dwar il-kompetenza tat-Tribunal u ghaddiet biex tipprefiggi terminu ta’ xahar lill-konvenut appellat biex iressaq l-appozita azzjoni.  B’ rikors intavolat fl-4 ta’ Dicembru 2003 din il-Qorti giet informata illi din l-azzjoni ma tressqitx u li allura l-appell kellu jigi ri-appuntat biex jissoktaw jigu trattati l-aggravji l-ohra fil-meritu;

Dawn l-aggravji, kif proposti mill-konvenut fil-korp ta’ l-appell tieghu, jikkonsistu fis-segwenti:-

(1) It-Tribunal wasal ghal konkluzjonjiet skorretti. L-appellant jinsisti li hu kellu ragun joffri l-hlas lil Mira Motors in vista tal-commission pretiza minnu. Dippju una volta l-ammont minnu depozitat fil-Qorti gie zbankat bla edba rizerva, allura dan kien jekwivali ghal hlas ghas-saldu;

(2) It-Tribunal naqas li jiddefinixxi korrettement ir-relazzjoni guridika bejnu u l-atturi. Huwa jsostni li ma kienx jirrizulta mill-provi li c-cheque minnu emess favur Mira Motors kien a konvenjenza ta' l-attur biex dan ma joqghodx igorr flus kontanti minn Ghawdex ghal Malta. Lanqas ma kien jirrizulta li n-negozju ta' part exchange gie mhassar;

(3) It-Tribunal kellu jiddeciedi skond il-principji ta' l-ekwita` u ghalhekk qatt ma messu cahad it-talba tieghu ghall-kumpens;

Ghal dawn l-aggravji l-atturi wiegbu f' dawn it-termini:-

(1) Fit-termini ta' l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 380 l-ebda wiehed mill-aggravji kontenuti fl-appell ma jirradika appell lil din il-Qorti;

(2) Il-konvenut ma ndikax fic-cedola ta' depozitu li l-hlas kien ghas-saldu ta' l-ammont dovut minnu;

(3) L-ahhar zewg aggravji oltre li huma kontradittorji huma wkoll infondati. L-attur kien ftiehem mal-konvenut li dan kellu jhallsu Lm4600 ghat-truck 'sekonda man'. L-appellanti ma kellu ebda dritt inaqqas xejn minn dan l-ammont pattwit. Ir-relazzjoni guridika twieldet mal-bejgh. F' kull kaz, jekk l-appellanti ghandu pretensjoni ghal xi kummissjoni hu messu jdur kontra Mira Motors u mhux jesigiha minghandu;

Premessi dawn l-aggravji u t-twegibiet ghalihom, il-fatti saljenti rikapitolati mill-atti processwali huma kif gej:-

(1) L-attur irrikorra ghand il-konvenut ghax kien intenzjonat jaghmel part exchange bejn it-truck li kellu ma' iehor gdid tal-marka Isuzu. Il-konvenut issuggerielu li jmur ghand Regina Auto Dealers peress li ma' l-agent f' Ghawdex ta' Mira Motors ma kienx jinnegozja. L-attur hekk ghamel pero` ma ghogbu xejn minn dak li ra ghand dan id-dealer. Dan allura hadu ghand Mira Motors u fil-fatt l-attur innegozja direttament ma' din il-kumpanija;

(2) Fil-frattemp il-konvenut kien biegh it-trukk il-qadim ta' l-attur. Dan jikkonfermah ukoll Raymond Attard li xtara dan it-trukk (fol. 48);

(3) Il-konvenut irrilaxxja cheque lill-attur pero` intestat lil Mira Holdings (esebit a fol. 13). Dan ic-cheque ma ssarrafx u gie "referred to drawer". L-attur kellu allura jhallas l-intier tas-somma ghat-trukk gdid akkwistat;

(4) L-attur beda jippressa lill-konvenut ghall-hlas izda dan ippretenda li mill-ammont inaqqas somma ghal commission li hu kien qed jinsisti dwarha ma' Mira Motors. Dawn minn naha taghhom kienu nformawh li huma kienu jafu lil Regina Auto Dealer li kien sub-agent taghhom u mhux lilu;

(5) Sussegwentement, il-konvenut ghadda biex iddepozita s-somma ta' Lm4500. Huwa jaccetta li qabel ma ghamel hekk ma kienx offriehom lill-attur izda lil Mira Motors;

(6) L-attur zbanka l-imsemmi ammont pero` fi hsiebu tali zbank ma kienx wiehed ghas-saldu. Huwa jiddikjara li kien gharraf lill-konvenut illi l-flus depozitati kienu qed jigu rtirati minnu bla pregudizzju ghall-kumplament biex b' hekk jillimita l-ispejjez tal-kawza;

Stabbiliti dawn il-fatti, dak li jemani b' certezza minnhom jikkonsisti f' din il-precizazzjoni:-

(i) L-attur ghadda t-truck qadim lill-konvenut li gie mibjugh minnu u inkassa l-flus;

(ii) Il-konvenut kien qed jinsisti ghall-kummissjoni minghand il-kumpanija venditrici Mira Motors tat-truck il-gdid mixtri mill-attur;

(iii) Il-konvenut ghadda ghad-depozitu fil-Qorti tas-somma ta' Lm4500 fil-konfront ta' l-attur u ta' Mira Motors Sales Limited (ara kopja tac-cedola a fol. 11). Huwa ammess mill-istess konvenut illi qabel tali depositu ma kienx offra din is-somma lill-attur;

(iv) L-attur zbanka dan l-ammont pero` baqa' jinsisti ghall-hlas tal-bilanc. Ara ittri legali u dik ufficcjali a fol. 12, 14 u 15;

Posta l-kwestjoni tal-kontenzjoni bejn il-kontendenti, mill-attijiet tal-kawza, senjatament it-tieni eccezzjoni tal-konvenut appellant u s-sottomissjonijiet tieghu, jidher illi dan qed jirrezisti t-talba ta' l-attur fl-ewwel lok fuq il-pretiza li kellu arrangament specifiku ta' part exchange ma' l-attur, anke jekk tramite Regina Auto Dealers. Fit-tieni lok, fuq l-assunt prospettat minnu illi gjaladarba l-attur zbanka d-depozitu dan kellu jitqies ghas-saldu b' mod li l-istess attur ma setax javvanza pretensjonijet ghall-hlas ulterjuri;

Kwantu ghall-ewwel sottomissjoni huwa kjarament bil-wisq ovvju illi l-vinkolu guridiku krejat bejn il-partijiet johrog lampantement mill-fatt illi l-attur ghadda t-truck il-qadim lill-appellant, li dan iddispona mill-istess truck, li c-cheque intestat lil Mira Holdings ma ssarrafx u li allura l-appellant kellu b' obbligu jghaddi s-somma pattwita ta' Lm4700 lill-attur. Xejn kuntrarju ghal dak li qed jinghad ma jista' jingibed mill-pretensjoni ta' l-appellant ghall-allegata kommissjoni li, del resto, hu kien qed iressaqha di fronte ghal Mira Motors Ltd u mhux ukoll fil-konfront ta' l-attur appellat. Ghalhekk fuq dan il-punt l-argoment ta' l-appellant zgur li mhux accettabli;

Riferibilment ghat-tieni sottomissjoni jibda biex jigi osservat illi mill-fatti premessi l-konvenut ma ghamel ebda offerta ta' hlas lill-appellat qabel ma ddecieda li jghaddi unilateralment ghad-depozitu. Issa biex jista' legalment jigi arguwit li l-izbank eventwali li sar mill-attur tas-somma depozitata tosta t-talba tieghu ghall-hlas ulterjuri jrid l-ewwel jigi determinat li dak l-istess depozitu kien validu f' kull rispett;

Hi ligi li "jekk l-kreditur ma jkunx irid jiehu l-hlas, id-debitur, jew dak li ghandu jedd ihallas, jista', bi spejjez tal-kreditur, jiddepozita s-somma jew il-haga li ghandha tinghata bil-mod li jinghad fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili" [Artikolu 1173 (1)]. F' kaz bhal dan "id-depozitu maghmul skond il-ligi jiswa daqs il-hlas u l-haga depozitata tibqa' ghar-riskju tal-kreditur" [Artikolu 1173 (2)]. Minn dan l-ahhar subinciz jitnissel illi depozitu gudizzjarju validament maghmul jiswa daqs pagament;

Il-ligi tissokta tippreciza fl-Artikolu 1174 sussegwenti illi tali depozitu m' ghandux l-effetti hawn fuq imsemmija jekk il-kreditur ma jkunx qabel irrifjuta offerta valida. Kif spjegat fis-sentenza riportata a Vol. XLIX P II p 878, "biex depozitu gudizzjarju jkun validu jrid jigi precedut minn offerta tas-somma kollha dovuta, minn rifjut ta' l-istess offerta u minn depozitu a favur tal-kredituri kollha u mhux ta' whud minnhom biss";

Gja f' sentenzi ohra anterjuri l-gurisprudenza taghna ddecidiet dan il-punt b' dawn l-enuncjazzjonijiet:-

I. "La validita` del deposito si desume dalla validita` dell' offerta, e l' offerta non è valida, se non comprende l' intera somma esigibile" – Kollez. Vol. XXII P II p 287;

II. "Id-depozitu mhux validu jekk ma jkunx precedut minn offerta valida u l-offerta ma tkunx valida

jekk ma tkunx tigbor fiha d-debitu kollu [Artikolu 1218 (c), illum Artikolu 1175 (c), Kodici Civili]. Dan hu bazat fuq il-principju fundamentali tad-disposizzjoni ta' l-Artikolu 1199 (fil-prezent 1156, Kodici Civili) li jistabilixxi li l-kreditur mhux tenut li jircievi l-hlas ta' bicca mid-dejn, anke jekk dan ikun divizibbli" – Kollez. Vol. XXXVII P I p 440;

Minn dawn l-enuncjazzjonijiet gurisprudenzjali huwa lecitu li jinghad li gjaladarba f' dan il-kaz id-depozitu li sar mill-appellant jirrizulta manifestament invalidu ghall-motiv gja spjegat ta' assenza ta' offerta, ergo, ma jistax ragonevolment jinghad li l-izbank maghmul mill-attur jista' qatt jippriva lil dan mill-mezz gudizzjarju ghal hlas ta' kull bilanc dovut;

Dawn ic-cirkostanzi kollha flimkien, anke minghajr il-htiega ta' inoltrar tal-kwestjoni fl-ambitu ta' l-Att V ta' l-1995, essenzjalment l-Artikolu 8 tieghu, jiwasslu lil din il-Qorti biex tirrespingi l-aggravji sottomessi billi fuq il-bazi tal-fatti attendibbli u tal-principji tad-dritt dawn ma jinsabu bl-ebda mod sorretti.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tichad l-appell interpost u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata fil-meritu, bl-ispejjez ta' din l-istanza jitbatew mill-konvenut appellant.

Rat ir-rikors tar-ritrattazzjoni tad-29 ta' Settembru, 2005, li bih, wara li ppremetta x' kien l-avviz quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) u x' kienu l-eccezjonijiet tieghu fir-rigward, u x' gie deciz fis-sentenzi ta' din il-Qorti diversament preseduta fit-12 t' Ottubru, 2002 u 7 ta' Lulju, 2005, talab li din il-Qorti tirrevoka w tirrexxindi s-sentenza taghha fil-Gudizzju Appell Civili Ghawdex numru 60/2000/1 fl-ismijiet "Saviour sive Sammy Mercieca u Angela Mercieca vs. Carmel sive Charlie Galea", deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Lulju, 2005 u tordna s-smiegh mill-gdid tal-kawza, bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-appellat ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimati Saviour sive Sammy Mercieca u Angela Mercieca tas-17 t ‘ Ottubru, 2005, li biha sostnew li r-rikors ghandu jigi michud bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti w talbu sahansitra l-applikazzjoni tal-artikolu 223 (4) tal-Kap.12 ghall-kundanna dwar spejjez doppji kontra r-rikorrent.

Rat id-Digriet ta’ din il-Qorti diversament preseduta mill-Onor. Imhallef Philip Sciberras tas-26 t’ April, 2006, li bih , wara li rat l-art. 734 tal-Kap.12, astjieniet ruha milli tiehu konjizzjoni ta’ dan il-kaz li gie pospost biex dak in-nhar stess jinstema minn din il-Qorti kif issa preseduta.

Rat il-verbal tal-istess data li bih, wara li l-Qorti nfurmat lill-partijiet prezenti w lid-difensuri li s-surroga tal-Imhallef sedenti kienet ghadha mhux pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern, il-partijiet iddikjaraw li ma jsibu ebda diffikulta’ jew oggezzjoni cio’ nonostante u li ma jkun hemm ebda nullita’ minnhabba li s-surroga kienet ghadha ma gietx pubblikata;

Semghet it-trattazzjoni fil-kors tal-istess udjenza;

Ikkonsidrat;

Illi r-rikorrent ritrattant qed jissottometti li s-sentenza tas-7 ta’ Lulju, 2005, applikat il-ligi hazin a tenur tal-artikolu 811(e) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, liema artikolu jipprovdi li kawza deciza b’ sentenza moghtija fil-grad ta’ appell, tista’ tigi ritrattata wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, jekk dik is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin. Ghall-fini ta’ dak il-paragrafu jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar l-interpretazzjoni ta’ Ligi, li fuqha l-Qorti tkun espressament tat decizjoni.

Ir-rikorrent ritrattant kompla jelabora li din il-Qorti applikat il-ligi hazin meta ma haditx in konsiderazzjoini l-kwistjoni tal-“*commission”* li huwa kellu jiehu minnghand il-Mira Motors Limited. Il-fatt li l-attur zbanka l-ammont li gie

depozitat kontra tieghu, kien jammonta ghal-pagament totali. Dan kien arrangament specifiku ta' *"part exchange"* u dana jsehh ukoll, anki jekk in-negozju sar tramite Regina Auto Dealers. Gjaladarba l-attur zbanka d-depozitu, dan kellu jitqies ghas-saldu b' mod li l-istess attur ma setax javvanza pretensjonijiet ulterjuri ghall-hlas kontra l-konvenut. Il-fatt li l-appellant ma ghamel ebda offerta ta' hlas lill-appellat qabel ma ddecieda li jghaddi ulterjorment ghad-depozitu. (Sic!). Dak id-depozitu huwa validu f' kull rispett u ghalhekk jammonta ghall-hlas. Kien hawnhekk fejn din il-Qorti fis-sentenza attakkata applikat il-ligi hazin u dana meta applikat l-artikolu 117(1) (Sic!) tal-Kodici Civili li jghid li jekk il-kreditur ma jkunx irid jiehu l-hlas id-debitur jew dak li ghandu jedd ihallas jista' bl-ispejjez tal-kreditur, jiddeppozita s-somma jew il-haga li ghandha tinghata bil-mod li jinghid fil-Kodici tal-Organizzazzjonu u Procedura Civili. F kaz bhal dan id-depozitu maghmul skond il-ligi jiswa' daqs il-hlas u l-haga depozitata tibqa' ghar-risklju tal-kreditur. Jekk allura d-depozitu maghmul jiswa' daqs pagament, allura jekk dan huwa l-kaz, l-atturi ma kellhomx ragun jazzjonaw lill-konvenut ghaliex proprju l-izbank li sar mill-attur ipprivah mill-mezz gudizzjarju ghall-hlas ta' kull bilanc pretiz jew dovut.

Ikkonsidrat;

Li kontra dan l-intimati ritrattati jissottomettu li fil-mertu it-talbiet tar-ritrattand huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra tieghu. Illi bizzejjed jinghad illi ghalkemm ir-rikorrent jibda biex jghid illi huwa qed jibbaza t-talbiet tieghu fuq l-artikolu 811(e) tal-Kap.12, li jittratta dwar applikazzjoni ta' ligi hazina, fil-paragrafu immedjetament sussegwenti huwa jispjega illi l-lamentela tieghu tikkonsisti biss dwar interpretazzjoni tal-artikolu 117(1) (Sic!) tal-Kodici Civili . Imkien ma qieghed jindika li fis-sentenza ritrattanda, din il-Qorti applikat xi artikolu tal-ligi partikolari meta dak l-artikolu in effetti ma kienx applikabbli ghall-kaz, u lanqas ma indika liema huwa l-artikolu illi, skond huwa, ghandu jaghmel ghall-kaz. Huma ccitaw gurisprudenza fir-rigward ta' din is-sottomissjoni.

Illi l-intimati ritrattati issottomettew ukoll li jkun hemm applikazzjoni hazina tal-ligi meta s-sentenza fuq punt ta' fatt kif stabbilit bis-sentenza impunjata ma tkunx konformi mall-ligi u meta l-kaz ma jkunx ma (Sic!) riferenza ghall-interpretazzjoni ta' xi ligi li fuqha d-decizjoni giet espressament moghtija. Ghalhekk ma hemmx lok ta' ritrattazzjoni ghal dan il-motiv meta l-kwistjoni tkun wahda ta' interpretazzjoni li s-sentenza impunjata tkun tat lill-ligi. Id-dover tal-gudikant huwa mhux semplicement dak li japplika l-ligi, imma anki dak li jara, minhabba c-cirkostanzi specjali tal-kaz, x' inhija l-probabbli intenzjoni tal-legislatur f' dawk ic-cirkostanzi, u li japplika l-ligi u jinterpretaha b' mod li jista' jikkonciljaha mal-ligijiet l-ohra, biex l-applikazzjoni taghha ma tigix ingusta.

Li fil-kaz odjern anki r-ragunament tar-ritrattand innifsu jaghmilha cara illi dan mhux kaz ta' *'applikazzjoni hazina tal-ligi'* bensi' kaz ta' interpretazzjoni (korretta) tal-ligi illi maghha ma jaqbilx ir-ritrattand. Dan apparti l-konsiderazzjoni illi fis-sentenza mpunjata, din il-Qorti ma applikatx l-artikolu 117(1) tal-Kodici Civili – kif qed jallega li ghamlet ir-ritrattand, imma applikat id-dispozizzjonijiet tal-artikoli 1173 et seq. – proprju l-artikoli li jittrattaw dwar id-depoziti u l-metodu illi ghandu jigi segwit sabiex depozitu jkun validu.

Ikkonsidrat;

Illi kif huwa risaput, fil-procedura ghas-smiegh mill-gdid tal-kawza hemm zewg stadji :

(i) l-ewwel li tithassar is-sentenza ta' qabel *(in rescindente*) u wara
(ii) illi jsir is-smiegh mill-gdid (*in rescissorio*)

(ara Sentenza "**Anthony J. Camilleri vs. Dottor Victor Ragonesi nomine"** tat-28 ta' Frar, 1997)

Illi kif jirrizulta mir-rikors tal-appellant ritrattand, huwa qed jinvoka l-artikolu 811(e) tal-Kap.12 bhala bazi tat-talba tieghu ghar-ritrattazzjoni tal-kawza. Illi dan is-sub-inciz tal-

artikolu 811 jaghti dritt ghar-ritrattazzjoni ta' kawza deciza fi grad ta' appell meta *"is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin"* izda l-ligi tkompli tghid : *"Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx wahda dwar interpretazzjoni ta' ligi li fuqha l-Qorti tkun espressament tat decizjoni."*

Illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza li t-talba tar-ritrattazzjoni trid tkun taqa' entro l-kazijiet tassattivi elenkati fl-artikolu msemmi w li r-ritrattand ma jistax jibdel ir-raguni ghar-ritrattazzjoni li jkun intrabat maghha fir-rikors ghar-ritrattazzjoni, fil-kors tat-trattazzjoni. Dan ghaliex kif gie dejjem ritenut :-

*"L-istitut ghar-ritrattazzjoni huwa meqjus bhala rimedju straordinarju governat minn regoli ta' interpretazzjoni strettissima, u mhux suxxettibbli ghal interpretazzjoni estensiva izda biss ghal wahda letterali."*

*"Il-gurisprudenza taghna dejjem ghallmet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju , inkwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fundamentali li gudikat jikkostitwixxi l-ligi bejn il-kontendenti u dan indipendentement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita' jew il-gustizzja . Ir-Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massima res judicata pro veritate habetur."* ("**Gourmet Company Limited et. vs. Mariano Vella"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Superjuri) fil-28 ta' Jannar, 2005)

Ikkonsidrat.

Fil-kaz odjern ghalhekk ir-ritrattand irid jissodisfa lil din il-Qorti li saret applikazzjoni hazina tal-ligi ghall-fatti stabbiliti u mhux li l-Qorti nterpretat il-ligi applikabbli hazin, fejn tkun espressament saret interpretazzjoni tal-ligi mill-Qorti fis-sentenza impunjata.

Illi l-fatti stabbiliti f' dan il-kaz minn din il-Qorti johorgu car mis-sentenza mpunjata. Dawn huma li sar depozitu mir-

ritrattand li ma kienx precedut minn offerta.  Dan il-fatt mhux kontestat anzi accettat mill-istess ritrattand. Is-sentenza mpunjatha mbaghad ghaddiet biex tezamina l-ligi applikabbli halli tara jekk tali depozitu kienx wiehed validu jew le. Dik il-Qorti ma kienetx qed tezamina jekk ir-ritrattand kellux dritt ghal xi *"commission"* minnghand Mira Motors Limited,  imma biss jekk id-depozitu li hu ghamel il-Qorti kienx validu fl-ewwel lok u, jekk le , l-izbank ta' depozitu invalidu jammontax ghall-hlas ghas-saldu.

Illi hu ovvju li l-Qorti ma applikatx l-artikolu 117(1) (Sic!) tal-Kodici Civili, kif qed jippremetti r-ritrattand fir-rikors tieghu, li, wisq probabbli, ried jirriferi ghall-artikolu **1173(1)** jew ghall-artikolu **1174 (1)** u b' *lapsus* ghamel riferenza ghall-artikolu li m' ghandu x' jaqsam xejn mall-materja in kwistjoni.

Illi fil-fatt din il-Qorti fis-sentenza mpunjata ghaddiet biex taghmel interpretazzjoni kemm tal-artikolu 1173 kif ukoll l-artikolu 1174, interpretazzjoni bazata fuq gurisprudenza stabilita, wara li ddecidiet li biex seta' jigi legalment arguwit li l-izbank eventwali li sar mill-attur Mercieca tas-somma depozitata tosta ghat-talba tieghu ghall-hlas ulterjuri, ried l-ewwel jigi determinat li dak l-istess depozitu kien validu f' kull rispett.

F' din l-interpretazzjoni espressa tal-ligi, din il-Qorti qalet li ghalkemm skond l-artikolu 1173 (1) depozitu maghmul skond il-ligi jiswa' daqs il-hlas u l-haga depozitata tibqa' ghar-riskju tal-kreditur u mis-subinciz (2) jitnissel illi depozitu gudizzjarju validament maghmul jiswa daqs pagament, il-ligi tissokta tippreciza fl-artikolu 1174 illi tali depozitu m' ghandux l-effetti hawn fuq imsemmija <u>jekk il-kreditur qabel ma jkunx  irrifjuta offerta valida</u>. (sottolinear ta' din il-Qorti).

Din il-Qorti mbaghad ghaddiet biex iccitat gurisprudenza fis-sens li biex depozitu gudizzjarju jkun validu jrid jigi precedut minn offerta tas-somma <u>kollha</u> dovuta, minn rifjut ta' l-istess offerta w minn depozitu a favur tal-kredituri kollha w mhux ta' whud minnhom biss.   Wara li ccitat din il-gurisprudenza li tinterpreta x' ghandu jkollha offerta

valida, din il-Qorti mbaghad ikkonkludiet li minn dawk l-enuncjazzjonijiet gurisprudenzjali kien lecitu li jinghad li gjaladarba f' dan il-kaz id-depozitu li sar mill-appellant (illum ritrattand) jirrizulta manifestament invalidu ghall-motiv gja spjegat ta' assenza ta' offerta, ergo ma jistax ragonevolment jinghad li l-izbank maghmul mill-attur jista' qatt jippriva lil dan mill-mezz gjudizzjarju ghall-hlas ta' kull bilanc dovut.

Mill-ezami tas-sentenza mpunjata ghalhekk jidher car li fuq il-fatt stabbilit u inkontestat, din il-Qorti kienet applikat il-ligi rilevanti biex tiddetermina jekk, fl-ewwel lok, id-depozitu kienx wiehed gudizzjarjament validu w dan sar fid-dawl ta' interpretazzjoni tal-ligi rilevanti espressa bazata fuq il-gurisprudenza. Fi kliem iehor dan il-kaz, una volta li r-ritrattand ghazel li jibbazah fuq il-kawzali tal-art. 811(e) tal-Kap.12, jaqa' proprju taht l-eccezzjoni kontemplata fl-istess subinciz, u cioe' li ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni meta l-kwistjoni tkun dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-Qorti tkun espressament tat decizjoni.

*In subiecta materia* gie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell (Superjuri) fis-sentenza taghha tal-24 ta' Settembru, 2004, fl-ismijiet **"Salvino Testaferrata Moroni Viani et. vs. David Vella noe."** li :-

*"Jista' jkun hemm biss lok ghal ritrattazzjoni ghalhekk taht is-subinciz (e) [applikazzjoni hazina tal-ligi] jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw ippruvati , il-Qorti (tkun) applikat artikolu tal-ligi flok iehor li kellu jkun proprjament applikat"*

*"Huwa infatti ghalhekk l-Artikolu 816 tal-Kap.12, meta jispecifika x' ghandu jkun fih l-att promotorju ta' ritrattazzjoni bazat fuq dan is-subinciz, jghid espressament li meta r-raguni ghar-ritrattazzjoni hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi, l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata."*

*"Hu ormai pacifiku li biex il-Qorti tiddeciedi jekk ikunx hemm jew le applikazzjoni hazina tal-ligi ghall-fini tar-ritrattazzjoni ma ghandhomx jergghu jigu ezaminati u*

*evalwati l-fatti tal-kawqza u ma jistghux dawn jergghu jigu interpretati. Hemm applikazzjoni hazina tal-ligi fit-termini ta' dan is-subinciz mhux meta jkun hemm interpretazzjoni hazina tal-ligi applikabbli ghall-fatti imma biss meta ma tkunx giet applikata l-ligi gusta ghal dawk il-fatti"*

Illi gie ukoll ritenut mill-istess Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha tat-28 ta' Jannar, 2005 fl-ismijiet: "**Dr. Alfred Grech et vs. Joseph Muscat et."** li.

*"Biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu valutati jew interpretati b' mod iehor, ghajr kif gew ivvalutati u interpretati fis-sentenza attakkata. Ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw pruvati, ikun jidher li l-Qorti applikat dispozizzjoni tal-ligi flok dispozizzjoni ohra li kellha proprjament tigi applikata. Jekk jirrizulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-ligi korretta ghall-fatti tal-kaz, xorta wahda ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni fuq il-motiv tas-subinciz (e) nonostante li l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti lil dik il-ligi tkun skorretta. Biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-ligi hazina ghall-kaz, u mhux li applikat il-ligi t-tajba b' mod hazin."*

Gie ukoll ritenut li :-

*"L-interpretazzjoni moghtija minn Qorti mhix soggetta ghal ritrattazzjoni meta ma giex ukoll pruvat li kien hemm ligi applikata hazin."* (Qorti ta' l-Appell : "**Emmanuel Sultana et. vs. Anthony Cassar"** deciza 11.1.1994.)

Illi f' dan il-kaz jidher car li dak li qed jintenta r-ritrattand f' dan ir-rikors tieghu ta' ritrattazzjoni huwa unikament tentattiv biex jottjeni minn din il-Qorti interpretazzjoni ohra ta' dak li jipprovdi l-artikoli 1173 u 1174 tal-Kodici Civili u cioe' interpretazzjoni differenti minn dik li tat l-Ewwel Qorti. Dan pero' ma jistax isir ghab-bazi tal-art. 811 (e) minnu invokat.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qed taqta’ w tiddeciedi li ma tistax tintalab ritrattazzjoni skond l-artikolu 811(e) f’ dan il-kaz u ergo t-talba tar-ritrattand qed tigi michuda bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------